Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 12/13 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 31/10/2013 fis-6.05pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti fis-6.10pm |
| | Amanda Abela | Preżenti fis-6.10pm sad-9.10pm |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Skużat minħabba xogħol |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti sad-9.15pm |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.35pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**12. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Caruana | **Il-minuti 11/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 11.2.2 | Tinqata l-kelma 'triq'. | | |
| | 11.6.13 | Minflok il-kelma 'kiosks' tidħol il-kelma 'stalls'. | | |
| | 11.2.18 | Il-Kunsill iddiskuta il-ħin tal-ftuħ tat-tenders kif ukoll il-membri ta' l-adjudicating board. Wara diskussjoni li saret, il-Viċi-Sindku ipproponiet li l-offerti għandhom jinfetħu fis-2.30pm. Il-Kunsilliera li jistgħu jattendu huma l-Viċi-Sindku u l-kunsillier Caruana. Għad fadal kunsillier ieħor li għandu jinħatar fuq il-bord. Is-Sindku qal li din għandha titħalla għal-laqgħa oħra. | | |
| | Addenda | Is-Sindku rringrazzja lin-nies kollha li ħadmu għall-attivita' Żejt iż-Żejtun biex setgħet għal darb'oħra tkun suċċess. Huwa rringrazzja lill-kunsilliera Agius għall-ħidma tagħha f'din l-attivita' li tant ġibdet nies lejn iż-Żejtun. | | |
| 12. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**12. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2 1 | 11.2.2 | Caruana: Trejqet il-Litfija | Dwar il-pedament li ssemma fil-laqgħa preċedenti, is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-2012 ħareġ il-permess tal-Mepa u x-xogħol li sar kif indikat fuq il-pjanta. Din l-applikazzjoni kienet ġiet quddiem il-Kunsill iżda l-Kunsill ma kellux quddiemu l-pjanta. Il-Case Officer kien irrakkomanda li dan il-permess għandu jiġi rifjutat iżda l-Bord tal-Mepa kien approva dan il-permess. Ma nafux jekk id-Dipartiment ta' l-Artijiet kienx infurmat b'dan l-iżvilupp. Il-Kunsill bagħat lill-Mepa u staqsa għaliex dan il-permess ġie approvat ladarba kien hemm rakkomandazzjoni ta' refusal min-naħa tal-case officer. Il-Kunsill innota wkoll li issa t-trejqa ġiet dejqa ħafna tant li persuna b'pushchair bil-kemm tgħaddi. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2 2 | 11.2.3 | Hales: Latrini | Il-Kunsillier Hales spjega lill-Kunsill li l-latrini spiċċaw mingħajr attendant f'Novembru tas-sena l-oħra. Il-kuntratt preżenti jistipula li dawn għandhom jiġu mnaddfa darbtejn kuljum. Hales informa lill-Kunsill li sabiex isir bieb ieħor minflok dak li imkiser, minħabba l-inċident li kien hemm riċentement, il-Kunsill irid iħallas Eur370. Huwa ssuġġerixxa li minflok għandu jsir pixxatur. **Il-Kunsill qabel unanimament.** | Hales |
| 12. 2 3 | 11.2.4 | Agius: Housing | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur Frankie Mifsud għadu ma tħallasx. Hija spjegat is-sitwazzjoni ta' Blokk A fejn hemm il-bieb prinċipali mkisser. Peress li r-residenti ma qablux bejniethom li huma għandhom joħorġu l-flus għat-tiswija, il-kuntrattur ma għamilx ix-xogħol. Ix-xogħol ser isir u l-ħlas ser isir mill-Kunsill iżda dan il-kont ser jintbagħat lir-residenti u jekk dawn ma jħallsux jiġu infurmati l-Awtorita tad-Djar sabiex il-kont jiżdied mal-ħlas tal-kera. | Agius |
| 12. 2 4 | 11.2.5 | Caruana: Żebgħa tat-traffiku | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir żebgħa fi Triq Falkunier quddiem is-St. Catherine Pharmacy. Is-Sindku spjega li ż-żebgħa li saret kienet fi Triq il-Qadi k/m Triq Wied il-Għajn u għad ma bdejniex żebgħa fiż-żona imsemmija mill-Kunsillier Caruana. Il-Viċi-Sindku talbet għal żebgħa fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Felicia Abela filwaqt li l-kunsilliera Fenech talbet għal żebgħa fi Triq Marsaxlokk u Triq San Klement. | Sindku |
| 12. 2 5 | 11.2.7 | Viċi-Sindku: Premju Anzjan tas-Sena | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret nominazzjoni għas-Sur Karmenu Baldacchino hekk kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti. Is-Sur Baldacchino intagħżel mal-finalisti. | Viċi-Sindku |
| 12. 2 6 | 11.2.8 | Agius: Triq il-Għadam | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Presdient A. Buttiġieġ saret żebgħa ma' l-art li tindika li ma jistax isir dħul għal Triq il-Għadam. Hija talbet sabiex dawn is-sinjali ikunu dotted iżda dan jiddependi kif il-Mepa tat il-pjanta lill-kuntrattur. | Sindku |
| 12. 2 7 | 11.2.11 | Hales: Dog Litter Bins | Hales informa lill-Kunsill li d-dog litter bins twaħħlu, wieħed fejn kull skola. Is-Sindku rrikarka li dawn id-dog litter bins huma tal-plastik u irridu naraw kemm ser iservu. | |
| 12. 2 8 | 11.2.13 | Hales: permess - żbir ta' siġar Vjal 25 ta' Novembru | Hales spjega li kien ħareġ permess għal żbir ta' siġar fi Vjal 25 ta' Novembru. Peress li dan il-permess ilu, intalbet sabiex issir spezzjoni min-naħa tal-Mepa għall-approvazzjoni. Is-Sindku talab ukoll li għandna nikkonsultaw ma' l-Arriva biex ituna l-permess ukoll. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 9 | 11.2.14 | Hales: Ħġieġ tal-bus shelters | Hales informa lill-Kunsill li illum twaħħlu l-ħġieġ tal-bus shelters li dawn swew lill-Kunsill madwar Eur400 -il waħda. Huwa qal li saret talba lill-TM sabiex isir bus shelter bis-saqaf fejn l-HSBC u jinbidlu 11 -il bus shelter oħra sabiex jiġu kollha konformi. | Hales |
| 12. | 2 | 10 | 11.2.16 | Hales:Skip fi Triq Marrubja | Hales informa lill-Kunsill li l-każ ta' l-iskip ta' Triq Marrubja għadu pendenti. | Hales |
| 12. | 2 | 11 | 11.5.1 | Hales: Bankina fi Triq San Klement | Hales irraporta lill-Kunsill li sar iż-żbir fuq is-siġar li qegħdin fuq il-bankina quddiem il-Kappella ta' San Klement. | Hales |
| 12. | 2 | 12 | 11.6.3 | Caruana: Żejt iż-Żejtun | Il-Kunsillier Caruana ikkumenta biex jekk jista' jkun l-attivita' Żejt iż-Żejtun tkun għaż-Żwieten biss u jarmaw nies miż-Żejtun biss. Il-Kunsilliera Agius spjegat li waqt laqgħa li saret mill-Ministri Karemnu Vella u Jose' Herrera saret emfasi bil-kuntraju peress li l-Kunsilli qed jiġu mħajjra jieħdu sehem barra u jippreżentaw il-prodott Malti.<br><br>Ġejna mitluba sabiex ir-ritratti ta' l-attivita' jintużaw fuq bażi nazzjonali. Hija spjegat li din is-sena kellna applikazzjoni minn mara li r-raġel tagħha huwa barrani u xtaqu jarmaw f'din l-attivita'. Il-Kunsill ma jistax jirrifjuta applikazzjonijiet. Fl-aħħarnett hija faħħret ix-xogħol li sar mill-istaff kemm manwali u kemm dak klerikali. Il-Kunsilliera Abela staqsiet minn fejn jinxtraw ir-ritratti. Il-Kunsilliera Agius qalet li r-ritratti għadhom qed jiġu preparati. Is-Sindku informa lill-Kunsill li mal-billboard twaħħlet id-data tas-sena d-dieħla. Il-kunsilliera Fenech talbet sabiex il-billboard jintuża bl-avvenimenti li jkunu ġejjin kif kien ġie deċiż. | Sindku Agius |
| 12. | 2 | 13 | 11.6.10 | Abela: Bankina Triq Taltas | Il-Kunsilliera Abela rringrazzjat lis-Sindku għax xogħol li inbeda fuq il-bankina ta' Triq Taltas. | Sindku |
| 12. | 2 | 14 | 11.6.11 | Agius: Bollard ħdejn l-iskola | **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Kap ta' l-iskola biex jintlaħaq ftehim għal bollard ħdejn l-iskola sabiex tiġi żgurata saħħet it-tfal.** | |
| 12. | 2 | 15 | 11.6.15 | Hales: Tindif fi Triq il-Ħotba | Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li sar it-tindif ta' Triq il-Ħotba. | Hales |
| 12. | 2 | 16 | 11.6.17 | Hales: Cul de sac Triq Xeħt il-Forom | Hales informa lill-Kunsill li t-tabella cul de sac għal Triq Xeħt il-Forom ġiet ordnata. | Hales |
| 12. | 2 | 17 | 11.6.18 | Viċi-Sindku: Keep Clear quddiem id-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li hija tkellmet mal-head tad-Dar ta' l-Anzjani fejn dan infurmaha li m'għandux bżonn il-keep clear quddiem id-Dar. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. 2 18 | 11.6.20 | Agius: Tindif | Il-Kunsilliera Agius staqsiet sarx progress dwar it-tindif. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Is-Sindku inkariga lill-kunsilliera Agius sabiex titkellem man-nies konċernati dwar it-tindif. | Agius |
| 12. 2 19 | 11.6.25 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat lill-Kunsill l-attivitajiet li saru fis-16 ta' Ottubru fil-Union Print u National Aquarium, Qawra, u bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru community recreational activity fil-Mellieħa Bay Hotel, liema attivitajiet kienu suċċess. | Agius |
| 12. 2 20 | 11.6.30 | Hales: Ismijiet godda ta' Toroq | Hales irraporta lill-Kunsill li Triq Karmenu Carabott u Misraħ Duminku Mintoff ġew approvati mill-Bord ta' l-Ismijiet tat-Toroq. Dawn għad iridu jidhru fuq il-Gazzetta tal-Gvern. | Hales |
| 12. 2 21 | 11.6.32 | Sindku: Ittri imkissrin fuq l-irħama tal-millenju | Is-Sindku spjega li sabiex isiru l-ittri engraved mill-ġdid, dawn iqumu ħafna flus. Għaldaqstant ser nitolbu għal kwotazzjoni meta toroġ l-approvazzjoni mill-kurja tal-plakka ta' Duminku Mintoff mal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. | Hales |
| 12. 2 22 | 11.6.34 | Sindku: Laqgħa tal-Kunsill u Bibita tal-Milied | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru ser issir fit-18 ta' Diċembru filwaqt li l-bibita ser issir fid-19 ta' Diċembru. | Sindku |

**12. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 3. 1 | 02 | MEPA: PA 2871/13 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li l-iżvilupp ta' 51, Triq Strejnu għandu jżomm il-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 12. 3. 2 | 16 | Caremalta: Nazzareno Vassallo Award in Elder Care | Il-Viċi-Sindku pproponiet li għall-premju Nazzareno Vassallo Award għandhom ikunu nominati Antoine u Carmen Duca għas-sehem tagħhom fil-qasam tal-volontarjat. **Il-Kunsill qabel unanimament.** | Viċi-Sindku |
| 12. 3. 3 | 14 | WasteServ: Bring in site Ġnien Brejġu | Is-Sindku inkariga lill-kunsilliera Abela sabiex issegwi l-każ tal-bring in site fi Ġnien Brejġu. | Abela |
| 12. 3. 4 | 19 | Wirt iż-Żejtun | Is-Sindku għadda l-invit ta' Wirt iż-Żejtun lill-Kunsill għall-quddiesa li ser issir nhar l-10 ta' Novembru. Il-Kunsillier Hales ġie inkarigat jitkellem mar-rappreżentanti ta' Wirt iż-Żejtun dwar it-tħawwil ta' siġra li ser issir fi Ġnien tal-Kmandant kif indikat fl-ittra tagħhom. **Il-Kunsill qabel li jgħaddi l-każ ta' niċċa fil-periklu li taqa' fi Triq Marsaxlokk lill-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun.** | Hales |
| 12. 3. 5 | 20 | AKL: Laqgħa | Il-Kunsill laqa' l-istedina tal-President il-ġdid ta' l-AKL għal nhar it-3 ta' Diċembru fil-Marsa. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 3. | 6 | 25 | Go plc: Payphones Booth | **Il-Kunsill qabel li għandu jitlob rapport dwar l-użu tal-payhones** filwaqt li informa lill-awtorita' li għad hawn min jagħmel użu minn dawn il-payphones minkejja l-użu ta' ħafna mill-mobile phone. | Segretarjat |
| 12. | 3. | 7 | 26 | Aġenzija Żgħażagħ: Kunsill Lokali Żgħażagħ | **Il-Kunsill qabel li għandu jinsisti li jerġa' jkollu l-Youth Worker.** | |
| 12. | 3. | 8 | 07 | DLG: Memo 26/2013 | Is-Sindku talab sabiex il-Kunsilliera jissottomettu fuq il-mejda tal-Kunsill in-nominazzjoni tagħhom għall-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Il-Kunsilliera Fenech irrakomandat lil Ms Rachelle Deguara ta' 16 -il sena tattendi l-Junior College u attiva fil-y@l. Il-Kunsillier Chircop innomina lil Ms Katrin Abela ta' 18 -il sena u lis-Sur Jean Claude Gatt. Il-Viċi-Sindku innominat lis-Sur Keith Mallia li għandu 18 -il sena filwaqt li l-kunsilliera Agius innominat lil Ms Sara Gauci ta' 18-il sena u lil Ms Christabel Carabott ta' 17 -il sena. Wara diskussjoni li saret is-Sindku issuġerixxa li ma nressqux dawk li għalqu t-tmintax u jkun hemm vot ta' consensus. Sar qbil li jkun hemm l-ewwel nomina u t-tieni nomina jekk ta' l-ewwel tirtira. **Għaldaqstant il-Kunsill innomina lil Christabel Carabott u lil Rachelle Deguara bi dritt li tidħol wara Carabott jekk ikun il-każ. Il-Kunsill qabel li jirrikonoxxi lis-sitt nominati u nistednuhom biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kunsill Lokali.** | |

| **12.** | **4.** | | | **Ħlasijiet** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/13 | **Il-Kunsill approva nem.com li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 12. | 4. | 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 11/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 11/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 12. | 4. | 2 | i | **Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas tal-għalliema tal-krafts tal-korsijiet li saru fis-sajf għat-tfal.** | | Segretarjat |
| 12. | 4. | 2 | ii | **Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas ta' Dave's Trasport għal kiri ta' Trasport li sar mis-sotto kumitat tal-isports u ambjent. Il-ħlas hu ta' Eur175.** | | Segretarjat |
| 12. | 4. | 3 | | Talbiet għal Xiri 11/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| | | | | Petty Cash - Ottubru 2013 | **Il-Kunsill approva il-ħlasijiet tal-petty cash li ammontaw għal Eur206.10 hekk kif preżentati.** | Segretarjat |

12. 5. Tabelli u Sinjali

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 5. 1 | | Hales: Tabelli | Hales informa lill-Kunsill li ġew avviċinati l-Koptasin u saret on site inspection tat-tabelli neqsin li jeżistu madwar il-lokalita'. Il-Kunsillier Hales issuġerixxa lill-Kunsill li għandha issir żona żona u ser titħejja lista ta' tabella li hemm bżonn li jiġu ordnati. Dan sabiex issir valutazzjoni ta' l-ispiża liema spiża għandha tkun ikkunsidrata fil-baġit li jmiss. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |

12. 6. Gal Xlokk Miżura Tisbiħ f'Żoni Rurali

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Grupp Azzjoni Lokali ser joħroġ gazzetta li ser tkun imqassma fil-lokalitajiet imsieħba. | |
| 12. 6. 2 | | | Bħalissa hemm miżura sabiex isiru sqaqien bil-hot tarmac jew konkrit u għaldaqstant ser tinħareġ sejħa għall-offerti f'dan ir-rigward. | Sindku |
| 12. 6. 3 | | | Is-Sindku spjega li għad fadal xogħol xi jsir fuq il-proġett minn kappella sa kappella bħal kolonni taż-żonqor fejn farmhouse, irranġar ta' cint tal-Kappella ta' Ħal Tmiem u irranġar quddiem San Niklaw. Dawn ser isiru kemm -il darba niksbu fondi taħt l-iskema ta' embellishment fiż-żona rurali. Il-finanzi li għad fadal fuq Miżura 313 ser jiġu allokati biex isiru x-xogħlijiet li għad fadal fuq il-wiċċ ta' Triq Strejnu. | Sindku |

12. 7. Bollards quddiem il-Knisja

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 7. 1 | | Sindku: jirraporta | Dwar il-bollards li kellhom isiru quddiem il-Knisja Parrokkjali, il-Kunsill ġab kwotazzjoni għal 18-il toqba b'Eur20 -il waħda. B'kollox l-istima tas-Sur Rudy Ebejer tammonta għal Eur324. **Il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni.** | |

12. 8. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 8. 1 | Proponent: Hales | Il-Kunsillier Hales ippropona li Triq Anġlu Grima issir one way bid-dħul biss minn Triq Luqa Briffa, Triq Santa Marija k/m Triq M'Xlokk sa k/m Misraħ Santa Marija issir one way u d-dħul isir biss minn Misraħ Santa Marija u Triq san Duminku minn Triq Ħal Bajda k/m Triq Ta' Tnella issir one way bid-dħul minn k/m Triq Ta' Tnella. Is-Sindku talab sabiex dawn il-proposti jitħejjew fuq pjanta. | Hales |
| 12. 8. 2 | Mozzjoni<br>Proponent: Abela<br>Sekondant: Caruana | Dwar il-mozzjoni tal-Kunsilliera Abela issekondata mill-kunsillier Caruana li tħeġġeġ il-Gvern sabiex il-power station Delimara 2 taqleb minn heavy fuel oil għal diesel, il-kunsill ivvota kif ġej,<br>Favur: Abela u Caruana<br>Kontra: il-Viċi-Sindku, Agius,Chircop, Fenech, Hales<br>Il-maġġoranza qablet li l-power station għandha taqleb għall-gass. Għaldaqstant il-mozzjoni m'għadditx. | |

**12. 9. Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 9. 1 | | Segretarjat: Rapport Finanzjarju tat-3 kwart | Is-Segretarju Eżekuttiv qassam lill-kunsilliera preżenti r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart, iġifieri Lulju-Settembru. Huwa spjega li f'dan il-kwart il-Kunsill irċieva l-flus ta' l-Urban Improvement Fund tal-Mepa u għalhekk dan għamel tajjeb għall-iżbilanċ li għalaq bih it-tieni kwart. F'dan il-kwart ittieħdu inkunsiderazzjoni l-kontijiet ta' Żejt iż-Żejtun. Wara li ngħata rapport dettaljat tad-dħul u l-infiq li l-Kunsill kellu f'dan il-kwart, il-Kunsill approva dan ir-rapport hekk kif preżentat. Dan il-kwart għalaq b'bilanċ pożittiv ta' Eur14,000. **Għaldaqstant is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport.** | Segretarjat |
| 12. 9. 2 | | Fenech: Proġett | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li ġie sottomess il-proġett Create, Dream, Inspire fl-1 ta' Ottubru. | Fenech |
| 12. 9. 3 | | Fenech; Monument fi Ġnien San Girgor | Il-Kunsilliera Fenech staqsiet jekk fi Ġnien San Girgor hux ser issir xi monument. Is-Sindku spjega li saret applikazzjoni mill-familja taċ-Ċalija mal-MEPA sabiex isir monument għal ommhom. | |
| 12. 9. 4 | | Sindku: Attivitajiet | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Arċipriet il-ġdid ser jieħu l-pussess nhar is-17 ta' Novembru filwaqt li fit-18 ta' Novembru ser isir il-ftuħ tal-Mużew. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 9. 5 | Fenech: Ħmieġ tal-Klieb | Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ammont konsiderevoli ta' ħmieġ tal-klieb fi Triq il-Labour. Is-Sindku spjega li qed issir ħidma u saret talba mal-Kumitat Konġunt għall-eco warden bejn is-6am u t-8am u bejn is-6pm u t-8pm. Jidher li hemm problema minħabba ftehim dwar il-ħinijiet tax-xogħol tal-ecowarden mal-Union. | Sindku |
| 12. 9. 6 | Fenech: Absailing Activity | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li ser issir attivita' ta' absailing flimkien mad-Domus barra ż-Żejtun filwaqt li fis-17 ta' Novembru ser issir attivita' bir-roti konġunta mal-Kunsilli Lokali ta' Marsaskala u B'Bugia. Din ser tkun b'risq l-istrina. | Fenech |
| 12. 9. 7 | Abela: Bankina Triq Dun Spir Grixti | **Il-Kunsill qabel li jsiru xi xogħlijiet fuq il-bankina fi Triq Dun Spir Grixti sabiex din tiġi rranġata.** | |
| 12. 9. 8 | Chircop: Stop sign | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex jiġi irranġat stop sign fi Triq Qalb ta' Ġesu' k/m triq Mikiel Cachia. | Hales |
| 12. 9. 9 | Chircop: Proġett Systems of Knowledge | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li studenti li jattendu skola f'livell post sekondarju ser jagħmlu l-proġett tas-systems of knowledge flimkien mal-Kunsill Lokali fi ħdan il-grupp Zoey. **Il-Kunsill qabel li jsir sign li jippromwovi dan il-proġett fil-Higher Secondary peress li ser tittella' attivita' dwar dan is-suġġett bejn it-18 u l-20 ta' Novembru.** | Chircop |
| 12. 9. 10 | Chircop: Turretta Ċentru Arti u Artiġjanat | **Il-Kunsill qabel li t-turretta taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat għandha tingħalaq minħabba l-ħamiem.** | Sindku |
| 12. 9. 11 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop informa lill-Kunsill li bħalissa qed jaħdem fuq il-kunċert tal-Milied li din is-sena ser isir fit-30 ta' Diċembru mill-Amadeus Chamber Choir. Intbagħtet l-applikazzjoni lill-każini Beland u Għaqda Banda Żejtun għal nominazzjoni għal bandist tas-sena (Trfoew Carlo Diacono). | Chircop |
| 12. 9. 12 | Chircop: Żurżieqa fi Ġnien San Girgor | **Il-Kunsill qabel li ż-żurżieqa ta' Ġnien San Girgor hija perikoluża u għalhekk għandha tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex jitneħħa kull periklu.** | Sindku |
| 12. 9. 13 | Chircop: Cameras fi Triq President Anton Buttiġieġ | Il-Kunsillier Chircop staqsa meta ser isiru l-ispeed cameras fi Triq President Anton Buttiġieġ. Is-Sindku spjega li t-talba ma kinitx ġietx aċċettata minn TM. | |
| 12. 9. 14 | Chircop: Pelican Lights fi Triq Tal Barrani | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex jitwaħħlu l-pelican lights fuq l-arbli taż-zebra crossing li hemm fi Triq Tal Barrani kantuniera ma' Triq Bir id-Deheb u kif ukoll isir refreshing taż-żebgħa taz-zebra crossing. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 9. 15 | Chircop: Zebra crossing fi Triq Alfred Cachia Zammit k/m Triq Bisqallin | **Il-Kunsill qabel li jibgħat reminder sabiex issir zebra crossing fi Triq Alfred Cachia Zammit k/m Triq Bisqallin.** | Segretarjat |
| 12. 9. 16 | Chircop: Reklamar fuq il-~~facebook~~ website tal-Kunsill | **Il-Kunsill qabel li jagħti 3 xhur ta' reklamar mingħajr ħlas lill-uniku wine bar tax-xorta tiegħu fil-lokalita,' ~~Ta'~~ Kantina ta' Katarin ~~Katrina~~. fuq il-website tal-Kunsill.** | Chircop |
| 12. 9. 17 | Caruana: Bankina - Triq Ħabel ix-Xgħir | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankina tiżloq fi Triq Ħabel ix-Xgħir. Is-Sindku spjega li din tista' tingiref. Huwa talab lill-kunsillier Caruana sabiex ikellem lir-resident sabiex issir mera mal-ħajt għal min ikun ħiereġ mill-parkeġġ area ta' wara l-Knisja. | Sindku Caruana |
| 12. 9. 18 | Caruana: Triq Toni Zahra k/m Triq Salvu Cacciattolo | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir xi ħaġa minħabba l-periklu ta' sewqan eċċessiv fi Triq Toni Zahra k/m Triq Salvu Cacciattolo. | |
| 12. 9. 19 | Caruana: Sleeping Policemen | Caruana talab li jsiru sleeping policemen fi Triq Lvant u Triq Sant'Antnin. Is-Sindku spjega li Triq Sant'Antnin hija one way filwaqt li tista' ssir waħda fi Triq Lvant peress li hija dejqa. | Sindku |
| 12. 9. 20 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: 01.11.13 Ħarġa għat-tfal għal Aquarium Nazzjonali u Biagio Steps, 02.11.2013 Teatru f'Ħaż Żabbar, 20.11.2013 Ħarġa għall-ġenituri problemi tal-qalb, 13-15 ta' Diċembru Community Recreational Activity fil-Paradise Bay Hotel, 20.12.13 Żjara Presepju f'Għajnsielem, 28.12.13 Diversi Presepji, 21.12.13 Party għat-Tfal, 12.01.14 Dinner Dance, 08.03.14 Ħarġa għal Jum il-Mara, 14-16.02.14 Community recreational activity, f'Jannar u Frar ser issiru korsijiet ta' parenting skills u beauty courses fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. Ser isiru ukoll lezzjonijiet ta' line dancing ma' Marisa D'Amato. | Agius |
| 12. 9. 21 | Agius: Tabella Ċentru Arti u Artiġjanat | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex issir tabella li tindika ċ-Ċentru ta' l-Arti u Artiġjanat. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 12. 9. 22 | Agius: Stat ta' toroq | **Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra fil-gazzetti dwar l-istat tat-toroq kif ukoll tiġi ippubblikata fuq il-website u l-facebook tal-Kunsill.** | Sindku |
| 12. 9. 23 | Agius: Misraħ Kanonku Giovanni Vella | Agius talbet li jsir no parking lines mal-ħitan ta' Misraħ Giovanni Vella. Dan peress li l-parking minn trakkijiet għadu jippersisti. Is-Sindku talab laqgħa mal-Pulizija. | Sindku Agius |
| 12. 9. 24 | Agius: Lead Project | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat il-laqgħa li attendiet għaliha dwar il-proġett LEAD. Huma talbu lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna fuq is-soċjal. Is-Sindku spjega li din għandha titħalla għal meta jkollna proposta konkreta. | Agius |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 9. 25 | Viċi-Sindku: Tirraporta | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-laqgħa li attendiet għaliha fejn il-Kunsill ġie mitlub sabiex jaħdem ma' l-NGOs. | |
| 12. 9. 26 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Vċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: 03.12.2013 Jum Dinji b'Diżabilita', 03.12.2013 Quddiesa li għaliha ser ikunu mistiedna r-residenti ta' Dar Nazzaret u l-Grupp Mattew XXV, 30.11.2013 ħarġa għal persuni b'diżabilita'. | Viċi-Sindku |
| 12. 9. 27 | Viċi-Sindku: Tabella nieqsa | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tabella ta' cul de sac nieqsa fi Triq San Luċjan. Is-Sindku spjega li hemm sinjal li ma tantx hu viżibbli. | Hales |
| 12. 9. 28 | Viċi-Sindku: Rampa fi Triq San Girgor | Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill jikkunsidra li jagħmel rampa fuq ~~il-bankina fi Triq San Girgor fuq in-naħa li hemm l-arbli~~. Is-Sindku spjega li ~~minħabba l-istess arbli~~ ~~wheelchairs ma jgħaddux~~. | Sindku |
| 12. 9. 29 | Viċi-Sindku: Skip Triq Dun Ġużepp Theuma | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk tneħħietx l-iskip ta' Triq ~~Dun Ġużepp Theuma~~. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Hales |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.30pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv